## 1.1 Jien Innifsi

| Miri ta' Tagħlim | Noti |
|---|---|
| 1.1.1 Ikunu kapaċi jispjegaw minn xiex għaddew minnu f'ħajjithom sa issa u jkunu kapaċi jqiegħdu l-ġrajjiet wara xulxin | It-tfal għandhom jifhmu li ħajjithom bdiet bħala trabi u huma bdew jikbru matul iż-żmien. Huma għandhom ikunu kapaċi jidentifikaw kif ġraw ċertu ġrajjiet f'ħajjithom eż. il-magħmudija, l-ewwel pass tagħhom, jibdew imorru l-iskola, jibdew jiktbu l-ewwel numri u ittri eċċ. |
| 1.1.2 Jifhmu li dak li għaddew minnu f'ħajjithom huwa xi ħaġa komuni għat-tfal kollha | Jifhmu li dawn l-istadji huma komuni għat-tfal kollha ta' żminijiet differenti u m'humiex influwenzati minn qagħda soċjali jew kulur tal-ġilda. |
| 1.1.3 Jifhmu li l-ħajja tat-tfal kienet simili u f'istess ħin differenti fiż-żminijiet ta' qabel | Jaraw li, minkejja s-similaritajiet fil-ħajja tat-tfal matul iż-żmien, kien hemm ukoll differenzi eż. tip ta' ikel li kienu jieklu, il-kura li kienu jingħataw, kif kienu jgħaddu l-ħin liberu tagħhom, kumditajiet li għandhom illum li dari ma kinux jeżistu eċċ. |
| 1.1.4 Jifhmu f'liema kundizzjoni kienu jgħixu t-tfal fi żminijiet oħra | Jifhmu li dari ma kienx hawn il-kumditajiet tal-lum eż. il-logħob fuq il-kompjuter, logħob mekkanizzat, kura speċjalizzata eċċ. |